**29 ta' Mejju, 1967.**

**Imħallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Joseph Camilleri pro et noe

*versus*

Major William Robb.

**Kjamata in Kawża — Kolliżjoni — Danni — Responsabilita Kerrej — Patt Kontratwali — Lokazjoni**

*Il-patt b'liema minn jikri karozza jassumi r-responsabilita — "for any damages which may happen to the car during the period of hiring" ma jinpurtax responsabilita għad-danni kawżati minn forza maġġuri u minn fatt ta' terzi. Il-liġi espressament teżonerah minn tali responsabilita u timponi biss fuqu l-oneru tal-prova li juri li d-dannu kien dovut għall-forza maġġuri jew fatt ta' terzi. Biex patt kontratwali jista' jidderoga minn dina l-pożizzjoni legali jeħtieġ li jirriżulta ċar u mingħajr dubbju.*

*Il-Qorti tista' u għandha tordna l-kjamata in kawża ta' terzi involuti f'kolliżjoni meta l-konvenut ikun qiegħed jiġi azzjonat għal danni kawżati f'karozza lilu mikrija mill-konvenut. Il-fatt li l-kjamat in kawża ma jkunx jista' jiġi kundannat fuq it-talba tal-attur ma jimpurtax li dana ma jistax jissejjaħ fil-kawża sa biex tiġi definittivament stabbilita l-kwistjoni tar-responsabilita fil-konfront tal-partijiet interessati kollha.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Prim'Aw-

la tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li biha talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallsu d-danni sofferti fil-kollizjoni ta' car li kien krielu li ġrat fit-18 ta' Diċembru, 1966.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li qal li hu ma kienx responsabbli tal-ħsara u talab il-kjamata fil-kawża ta' Rosamund de Freitas li kienet il-persuna l-oħra involuta fil-kolliżżjoni.

Rat id-degriet ta' dik il-Qorti tat-2 ta' Marzu, 1967 li bih ċaħdet it-talba għall-kjamata fil-kawża bl-ispejjeż kontra l-konvenut wara li kkunsidrat —

Omissis

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Major Robb li bih appella minn dak id-digriet u talab li jiġi revokat u tiġi milqugħa t-talba tiegħu għall-kjamata fil-kawża ta' Rosamund De Freitas — bl-ispejjeż kontra l-appellat.

Rat ir-risposta ta' l-appellat li qal illi d-deċiżżjoni appellata hi ġusta u tistħoqq li tiġi konfermata bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

L-ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet it-talba ta' l-appellant għall-kjamata fil-kawża ta' Rosamund de Freitas għaliex irriteniet illi "ma hemmx lok għall-intervent koatt meta min jitolbu jkun konvenut b'azzjoni personali u l-kjamat ma jkunx jista' jiġi konvenut bl-istess azzjoni." Fil-każ preżenti — żiedet tgħid dik l-Onorabbli Qorti — ċ-ċitazzjoni hi ibbażata fuq it-termini ta' l-iskrittura li biha l-appellant ntrabat mhux biss li jirrestitwixxi l-karrozza fi stat tajjeb, imma ukoll preventivament iddikjara ruħu responsabbli għal

kull ħsara li tista' tiġri fil-karrozza matul il-kiri. B'dan il-mod l-appellant "daħal bħala insurer" tal-karrozza, di fronti għall-(appellat), anki għall-ħsarat li hija setgħat issofri fil-perjodu tal-lokazzjoni bil-fatt tat-terzi". B'dik l-iskrittura — tissokta tgħid is-sentenza appellata — "il-partijiet "contracted out" mill-artikolu 1650 tal-Kodiċi Ċivili" u dan sar biss l-appellat ikun jaf biss lill-appellant għall-kwalunkwe ħsara li tiġri mingħajr ma jkollu bżonn jew ma jkunx mġiegħel joqgħod jara jekk il-ħsara ġratx bi ħtija ta' l-istess appellant jew ta' ħaddieħor.

Din il-Qorti, bir-rispett kollu u mhux mingħajr ċerta eżitazzjoni, ma tħossx li tista' taqbel ma' dik l-interpretazzjoni ta' l-iskrittura in kwistjoni.

Fl-iskrittura, l-appellant, wara li ddikjara li kera l-karozza għal ħmistax il-ġurnata biex isuqha hu stess u li hu kellu liċenza għas-sewqan, kompla jgħid —

> "I declare to have received the said car from the above Garage in perfect good order and condition, and I hereby declare to return the said Car to the same Garage in the same good order and condition holding myself responsible for any damages which may happen to the Car during the period of hiring".

Ċertament, il-partijiet f'kuntratt ta' lokazzjoni huma liberi li jiftehmu l-pattijiet li jogħġobhom sakemm ma jkunx inkonsistenti man-natura tal-kuntratt jew kuntrarji għalliġi. Rigward il-ħsarat li jistgħu jiġru fil-ħaġa mikrija, il-kerrej skond l-artikolu 1650 tal-Kodiċi Ċivili hu responsabbli għal dawk il-ħsarat li jiġru matul it-tgawdija ..għu tal-ħaġa, a meno chè ma jippruvax illi l-ħsara ġrat mingħajr ħtija da parti tiegħu. Iżda bil-kuntratt, il-kerrej jista' jkabbar l-estensjoni ta' l-obbligazzjoni tiegħu u jiftiehem illi jkun

responsabbli għall-ħsara anki jekk tkun ġrat mingħajr ħtija tiegħu.

Biex jista', però, jitqies li sar hekk, jinħtieġ illi dan ikun jirriżulta bla dubju mill-kuntratt. Ġie ritenut illi pattijiet li bihom il-kerrej jintrabat għal obbligazzjonijiet li jeċċedu dawk li normalment hu kien ikollu skond il-liġi għandhom jiġu, fin-nuqqas ta' kliem espress u intenzjoni ċara tal-partijiet, interpretati ristrettament u, fil-każ ta' dubju, il-klawżola għandha tiġi interpretata b'mod favorevoli għalih bħala l-obbligat. Hekk, per eżempju, f'każ fejn il-kerrej kien obbliga ruħu bil-kuntratt "di dover egli fare nel fondo tutte le riparazioni necessarie" ġie ritenut illi hu ma kienx responsabbli ħlief għar-riparazzjonijiet ordinarji u mhux ukoll għal dawk magħmulin neċessarji minħabba każ fortwitu jew għal dawk straordinarji li ma jkunux konsegwenza tan-nuqqas tiegħu li jagħmel ir-riparazzjonijiet ordinarji, "a meno che non si fosse obbligato espressamente ad eseguire anche quelle riparazioni" (Vol. XXIV, ii, 587). (Għad illi din is-sentenza fil-meritu ġiet revokata minn din il-Qorti, il-prinċipju ma ġiex disapprovat, anki kif jidher mill-konsiderandi tas-sentenza ta' l-appell, ġie in sostanza riaffermat. L-istess prinċipju ġie applikat minn din il-Qorti fl-Income Tax Case No. 30 u fl-App. Inferjuri.)

L-istess prinċipju ta' interpretazzjoni il-Qorti tħoss li għandu jiġi applikat fil-każ preżenti. Bl-ewwel parti tal-patt hawn fuq riportat, li biha l-appellant iddikjara li kien irċeva l-karozza fi stat u kondizzjoni perfetti u obbliga ruħu li jirritornaha fl-istess stat, ma ġietx sostanzjalment ħlief ripetuta d-disposizzjoni ta' l-artikolu 1648 tal-Kodiċi. It-tieni parti tal-patt li tibda bil-kliem "holding myself responsible ......" hi konnessa ma' l-ewwel parti u tidher li tfisser illi, biex tiġi adempita l-ewwel parti, ċioè li l-karrozza tiġi restitwita fl-istess stat tajjeb li fih ittieħdet, l-appellat ħa r-res-

ponsabbilità ta' l-ħsarat li jiġru fiha matul il-kiri. Din it-tieni parti tal-patt ukoll tirriproduċi fis-sostanza il-kliem ta' l-artikolu 1650 li jgħid, kif ġa intqal, illi l-kerrej iwieġeb għall-ħsarat li jiġru matul it-tgawdija tiegħu tal-ħaġa iżda tħalla barra l-kliem ta' esklużżjoni ta' responsabbilità kontenuti f'dak l-artikolu ċioè "meta ma jippruvax illi l-ħsarat ġraw mingħajr ħtija tiegħu".

Din hi l-omissjoni li fuqha jibbaża t-teżi tiegħu l-appellat.

Iżda, fil-fehma ta' din il-Qorti, dik l-omissjoni mhix biżżejjed biex issostni l-interpretazzjoni tal-patt mogħtija fis-sentenza appellata. Anki kieku fl-artikolu 1650 kien jingħad biss illi "l-kerrej iwieġeb għall-ħsarat li jiġru matul il-kiri" u ma kien jingħad affattu xejn "meta ma jippruvax illi l-ħsarat ġraw mingħajr ħtija tiegħu", dan ma kienx ikun ifisser illi l-liġi riedet toħloq kontra l-kerrej responsabbilità assoluta anki mingħajr ebda ħtija da parti tiegħu, b'deroga għall-prinċipju ġenerali tal-kuntratti li m'hemmx responsabbilità ta' danni mingħajr ħtija. Il-kliem "meta ma jippruvax li l-ħsara ġrat mingħajr ħtija tiegħu" ġew miżjuda fl-imsemmi artikolu biex jixħtu fuq il-kerrej il-piż tal-prova u jneħħu kull dubju li altrimenti sata jkun hemm, illi, konstatata l-ħsara, ma jmissx lis-sid li jiprova illi l-ħsara ġrat bla ħtija tiegħu.

Fil-fehma tal-*Qorti*, għalhekk, il-kliem ta' l-iskrittura in kwistjoni ma *jfissirx* illi l-appellant assuma *r-responsabilità* tal-ħsarat *talvolta* kaġunati mingħajr ebda ħtija da parti tiegħu, *per eżempju* b'każ *fortwitu* jew forza maġġuri jew bi ħtija *ta' terzi* li għalihom hu mhux responsabbli. Derogazzjoni *ta' din* ix-xorta għall-prinċipji ġenerali tal-kuntratti u għad-*disposizzjonijiet* partikolari dwar il-lokazzjoni, setgħat *indubbjament* tiġi stipulata bejn il-partijiet kieku

iriduha; imma kien ikun jinħtieġ kliem ċar biex dak ir-riżultat jiġi ottenut. Kif qalet il-Kassazzjoni ta' Torin fil-kawża "Bozza c. Ditta Donner e Baumann" (1881) "L'avere il conduttore assunto su di sè il caso contingibile di riparazioni occorrenti nella cosa locata, l'aver rinunziato ad ogni indennizzo o diminuzione di fitto, non esprime senza possibilità di dubbio il concetto che tutto cio si intenda esteso anchè ai casi di forza maggiore: nè ammesso pur questo concetto, si può dire che la detta rinunzia importi senz'altro anche l'obbligo di riparare a proprio spesi i danni prodotti da forza maggiore. Conseguentemente non potendo nelle ipotesi suesposte ritenersi la parola del contratto così scevra d'ambiguità da non dare luogo a dubbiezze, occorre la sovrana interpretazione del giudice......" (Fadda art 1585 — 1586 §§ 85, 86). Il-Qorti taħseb li l-istess ħaġa tista' jingħad rigward il-patt in kwistjoni.

S'intendi kien ikun konvenjent għall-appellat, u jkun konvenjenti għal kull sid ieħor ta' garages għall-kiri self-drive ta' karrozzi, li jiftihem b'mod li jkun jaf lill-kerrej biss għal kull ħsara, tiġri kif tiġri, bla riskju li l-klient iġagħalu jiddependi — kif jingħad fis-sentenza appellata — biex jiġbor id-danni minn persuni skonoxxuti li forsi jdum jitħabat żmien magħhom biex jitħallas. Iżda, fil-fehma ta' din il-Qorti, biex dan l-iskop jiġi ottenut, il-formulazzjoni tal-patt għandha tkun ċara u espressa f'dak is-sens.

Din il-Qorti hi għalhekk ta' fehma li bil-patt in diskussjoni ma jistax jingħad illi l-appellant assuma r-responsabbilita tal-ħsara anki jekk kaġunati minn ħaddieħor bla ħtija tiegħu. Jekk, fil-każ preżenti il-ħsara ġratx hekk, bħala fatt, naturalment hi kwistjoni ta' provi: iżda suppost li l-appellant jirnexxilu jipprova illi l-kolliżżjoni ġrat unikament u esklusivament bi ħtija ta' Rosamund de Frietas kif hu jallega, u bla ebda ħtija da parti tiegħu, din tkun fil-

fehma tal-Qorti difiża valida għat-talba ta' l-appellat, ankorkè bażata *kif inhi* fuq il-kuntratt skond l-iskrittura.

L-appellant avanza l-obbjezzjoni illi fuq iċ-ċitazzjoni kif formulata, Rosmund de Freitas, anki kieku kellha tiġi msejħa fil-kawża u kellha tassew jinstab illi l-kolliżżjoni ġrat bi ħtija unikament tagħha, ma listax tiġi ikkundannata.

Dwar din l-obbjezzjoni, *din* il-Qorti l-ewwelnett jidhrilha li ma għandhiex tipprekorri lill-ewwel Onorabbli Qorti u tippronunzja ruħha fuq kwistjoni li m'hux bilfors neċessarju li tiġi deċiża issa, għal finijiet ta' dan l-appell. It-tieni nett, kif ġie ritenut fis-sentenza "Stepton v. Spiteri", ċitata fis-sentenza *appellata*, għalkemm *skond* l-artikolu 961 tal-Kodiċi fuq imsemmi "il terzo chiamato in causa è considerato come qualunque altro convenuto, e quindi può essere liberato o condannato, tuttavia da ciò non segue che con quella espressione siasi voluto limitare la chiamata di alcun persone soltanto, cioè di quei terzi solamente che possono essere *liberati* o condannati......*anzi* dal contesto dell'intiera disposizione di quella legge sorge chiaro il concetto, che vi è compreso anche quel terzo che, sostenendo le ragioni sia dello attore, sia del convenuto, ed altre volte pure *i* propri diritti in confronto si dell'uno che dell'altro, provera una decisione, entro i limiti dell'azioni intentata, la quale stabilisce certi fatti e certi diritti, siano favorevoli siano contrari a lui stesso, senza essere liberato o condannato."

Ġa intqal aktar 'il fuq *illi* kontra t-talba ta' l-appellat, anki kif formulata, l-appellant jista' jiddefendi ruħu billi jipprova illi l-kolliżjoni saret mingħajr ħtija tiegħu. Proprjament l-appellant dan jista' jagħmlu anki mingħajr *ma* Rosamund de Freitas tkun fil-kawża. Intqal diversi drabi minn din il-Qorti illi l-presenza taż-żewġ drivers involuti f'kolliżżjoni, fil-konfront ta' l-attur li ħarrek wieħed minnhom biss

li hu irritiena unikament responsabbli għad-danni, mhix assolutament indispensabbli **għall-integrità tal-ġudizzju,** għalkemm hi manifestament deżiderabbli u espedjenti meta d-driver konvenut jeċċepixxi n-nuqqas ta' ħtija tiegħu. (L-aħħar sentenza reċenti ta' din il-Qorti hi "Farrugia vs Cilia" deċiża fl-10 ta' Diċembru, 1966).

Iżda ġa la darba l-appellant hu intitolat li jagħmel dik id-difiża, hu kjarament fl-interess ta' l-appellat stess illi Rosamund de Freitas tkun fil-kawża anki jekk, ex ipotesi ma tistax tiġi kundannata. Jekk tassew jirriżulta li kienet hi biss il-ħtija tal-kolliżżjoni, jaqbel lill-istess appellat ukoll li dan jirriżulta u jiġi dikjarat f'din il-kawża fil-konfront tagħha bħala parti, biex tiġi skonġurata kull possibilità ta' ġudikati konfliġġenti talvolta avversi għalih. Dikjazzjoni ta' ħtija tad-danni kontra Rosamund de Freitas, jekk tirriżulta, tista' fil-fehma tal-Qorti indubbjament issir "fil-limiti ta' l-azzjoni intestata", li l-essenza tagħha hija l-konstatazzjoni tal-ħsara sofferta mill-appellat bil-kolliżjoni u r-riżarċiment tagħha.

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka d-digriet appellat, u tordna li l-atti jiġu rinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti biex issir il-kjamata fil-kawża mitluba mill-appellant u l-kawża titkompla skond il-liġi. L-ispejjeż ta' prim'istanza jibqgħu riżervati għas-sentenza finali li tagħti dik l-Onorabbli Qorti; l-ispejjeż ta' l-appell, minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa bid-dritt tar-Reġistru għall-appellat.